# Postijiet għat-tfal fl-iskejjel tal-Knisja fl-Ewwel Sena Kindergarten

F'Novembru 2017 ġew ippublikati r-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika 2018-2019. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw u kemm baqa' postijiet vakanti għall-ewwel sena kindergarten.

**L-Ewwel Sena Kindergarten Subien**

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena kindergarten subien għall-kindergartens ta' St. Angela u ta' Theresa Nuzzo subien huwa ta' sitta u ħamsin (56) post. Għall-kindergartens ta' St. Angela u ta' Theresa Nuzzo subien kellna dan it-total ta' applikanti:

| ***L-Ewwel Kriterju St. Angela u Theresa Nuzzo*** | **Applikanti** |
|---|---|
| *1a Tfal tad-Djar tal-Knisja* | 1 |
| *1b Tfal ta' Impjegati fi skejjel tal-Knisja* | 1 |
| *1ċ Aħwa* | 21 |
| *Total ta' applikanti tal-ewwel kriterju subien* | **23** |

Meta mit-total ta' postijiet vakanti (56) innaqqsu n-numru ta' postijiet okkupati (23), dan iħalli total ta' tlieta u tletin (33) post vakanti.

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena kindergarten subien għall-kindergartens ta' St Francis huwa ta' dsatax (19). Għall-kindergartens ta' St. Francis subien kellna dan it-total ta' applikanti:

| ***L-Ewwel Kriterju St. Francis*** | **Applikanti** |
|---|---|
| *1b Tfal ta' Impjegati fi skejjel tal-Knisja* | 4 |
| *1ċ Aħwa* | 39 |
| *Total ta' applikanti tal-ewwel kriterju subien* | **43** |

Hawn jidher ċar li ma għandniex post għall-applikanti kollha ta' St Francis.

In-numru ta'postijiet vakanti għall-applikanti oħra subien huwa ta' tlieta u tletin (33). Se jiġu aċċettati xi każijiet serji skont it-Tielet Kriterju "Applikanti Oħra", għalhekk it-total ta' postijiet vakanti jonqos.

Fost l-applikanti oħra jista' ikun hemm aħwa li qed japplikaw għall-istess sena, tewmin, jew għal snin tad-dħul differenti (Ara r-Regolamenti para. 3.1). Meta wieħed/waħda minn dawn l-aħwa j/tirreġistra fi skola, iż-żgħir jikkwalifika skont il-Kriterju tal-Aħwa. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 2779 0060
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

**L-Ewwel Sena Kindergarten Bniet**

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena kindergarten bniet għall-kindergartens ta' St. Angela u ta' Theresa Nuzzo bniet huwa ta' sitta u ħamsin (56) post. Għall-kindergartens ta' St. Angela u ta' Theresa Nuzzo bniet kellna dan it-total ta' applikanti:

| ***L-Ewwel Kriterju St. Angela u Theresa Nuzzo*** | **Applikanti** |
|---|---|
| *1b Tfal ta' Impjegati fi skejjel tal-Knisja* | 4 |
| *1ċ Aħwa* | 16 |
| *Tfal tal-ewwel kriterju li għandhom bżonn l-għajnuna ta' LSA* | 1 |
| *Total ta' applikanti tal-ewwel kriterju bniet* | **21** |

Meta mit-total ta' postijiet vakanti (56) innaqqsu n-numru ta' postijiet okkupati (21), dan iħalli total ta' ħamsa u tletin (35) post vakanti.

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena kindergarten bniet għall-kindergartens ta' St. Francis huwa ta' tmienja u tletin (38). Għall-kindergartens ta' St. Francis bniet kellna dan it-total ta' applikanti:

| ***L-Ewwel Kriterju St. Francis*** | **Applikanti** |
|---|---|
| *1b Tfal ta' Impjegati fi skejjel tal-Knisja* | 5 |
| *1ċ Aħwa* | 26 |
| *Tfal tal-ewwel kriterju li għandhom bżonn l-għajnuna ta' LSA* | 2 |
| *Total ta' applikanti tal-ewwel kriterju bniet* | **33** |

Hawn jidher ċar li ma għandniex post għall-applikanti kollha ta' St Francis.

In-numru ta'postijiet vakanti għall-applikanti oħra bniet huwa ta' ħamsa u tletin (35). Se jiġu aċċettati xi każijiet serji skont it-Tielet Kriterju "Applikanti Oħra", għalhekk it-total ta' postijiet vakanti jonqos.

Fost l-applikanti oħra jista' ikun hemm aħwa li qed japplikaw għall-istess sena, tewmin, jew għal snin tad-dħul differenti (Ara r-Regolamenti para. 3.1). Meta wieħed/waħda minn dawn l-aħwa j/tirreġistra fi skola, iż-żgħira tikkwalifika skont il-Kriterju tal-Aħwa. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

**Konklużjoni**

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi preżentata. Għalhekk jista' jirriżulta xi tibdil fin-numri ta' postijiet vakanti. Jekk jiġri dan il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha konċernati.

**Il-Bord tad-Dħul tal-Iskejjel tal-Knisja**
**2 ta' Frar 2018**

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 2779 0060
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**